MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Numru 622/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**Vs.**

**JOSEPH MARY PORTELLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Mary Portelli ta’ 43 sena bin Edward u Yvonne nee Fenech, imwieled Hamrun fis-6 ta’ Awwissu, 1961 u joqghod Triliton Court, No 1, Triq il-Korazza, Qawra. ID 536861(M).

Billi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’Novembru 2003 u x-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, wettaq kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta, u dan minghajr licenzja moghtija lilu taht l-att dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji, u dan ai termini ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi innegozja bhala principal jew agent fil-kambju tal-flus.

U aktar talli irrenda ruhu recediv ai temini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali moghti skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali esebit bhala Dok. JP4 u l-Kunsens tal-Avukat Generali moghti skond is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 376 esebit bhala Dok. JP3 u nnutat li l-imputat Joseph Mary Portelli iddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat ma kellux kazijiet ohra ricenti u inoltre iddikjara li tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jkunx idoneju li l-imputat jinghata piena karcerarja.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 3 tal-Kap. 376 u l-artikoli 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Mary Portelli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza tikkundanna lill-imsemmi imputat Joseph Mary Portelli ghall-piena komplessiva ta’ seba’ t’elef Euro (Euro 7000) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------